MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## SILVIO MELI

Seduta tal-11 ta' Novembru, 2014

Citazzjoni Numru. 306/2010

***Inter Power Limited***

**(C - 9301)**

**vs**

**Joseph Sammut**

**(K.I. 201155 M)**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat it-30 ta' Marzu, 2010, li permezz tieghu sintetikament esponiet s-segwenti:

1.1 Illi permezz ta' ftehim datat il-15 ta' Mejju, 2006, l-intimat intrabat li jixtri magni bil-*"pallet"* u li jaffettwa l-hlas relattiv lis-socjeta` rikorrenti fi zmien sittin (60) jum mid-data tal-fattura jew kif miftiehem, (ara foll 5);

1.2 Illi permezz tal-istess ftehim indikat fil-paragrafu precedenti saret ordni ghal mija hamsa u hamsin elf, seba` mija wiehed u tletin Ewro u sitta u disghin centezmu, (€155,731.96), li min dan l-ammont l-intimat hallas depozitu ta' sitta u erbghin elf hames mija u sebgha u tmenin Ewro u sebgha u erbghin centezmu, (€46,587.47), u bil-bilanc jithallas ratealment kif indikat fl-istess rikors guramentat promotur, (ara foll 1);

1.3 Illi il-magni ordnati mill-intimat gew debitament lilu ikkonsenjati mis-socjeta` rikorrenti u minnu wkoll accettati;

1.4 Illi l-konsenja sehhet f'zewg okkazjonijiet, wahda datat t-18 ta' Lulju, 2006, u l-ohra fit-3 t'Awissu, 2006;

1.5 Illi l-ewwel konsenja indikata fil-paragrafu precedenti kienet giet accettata mill-intimat personalment, (ara foll 19 sa 21), waqt li t-tieni konsenja hemm ukoll indikata kienet giet accettata minn impjegat tal-istess intimat, (ara foll 22);

1.6 Illi s-socjeta` rikorrenti harget ukoll il-fatturi minnha espressament indikati fir-rikors guramentat promotur taghha relattivi ghall-imsemmija ordni u konsegwenti konsenji hemm indikati, (ara foll 2 u foll 8 sa 15);

1.7 Illi l-imsemmija fatturi komplessivament jammontaw ghal ammont pretiz mis-socjeta` rikorrenti u gia` indikat, (ara paragrafu numru wiehed punt tnejn, (1.2.), aktar qabel);

1.8 Illi apparti d-depozitu pre-citat, l-intimat baqa` ma hallas l-ebda ammont minnu dovut lis-socjeta` rikorrenti u dan, nonostante t-terminu prefissat fl-imsemmi ftehim;

1.9 Illi nonostante li l-intimat kien interpellat biex ihallas l-ammont komplessiv minnu dovut, baqa` inadempjenti;

1.10 Illi in vista tal-premess is-socjeta` rikorrenti aderiet din il-qorti biex l-intimat ikollu l-opportunita` jwiegeb ghat-talbiet taghha u jghid ghaliex din il-qorti m'ghandiex:

1.10.1. Tiddikjara li s-somma ta' mija u disghat elef, mija u erbgha u erbghin Ewro u disgha u erbghin centezmu, (€109,144.49), hi dovuta mill-intimat lis-socjeta` rikorrenti, oltre l-imghax *ai termini* ta' l-artiklu 26C tas-Subtitolu IA tat-Titolu II tal-Kapitlu 13 tal-Ligijiet ta' Malta;

1.10.2. Tordna lill-intimat biex ihallas is-somma indikata fit-talba precedenti flimkien ma' l-imghaxijiet dovuti skont il-ligi lis-socjeta` rikorrenti;

1.10.3. Bl-ispejjez kif dedotti fl-istess rikors guramentat promotur kontra l-intimat;

2.0. Rat ir-risposta guramentata tal-intimat datata t-23 t'April, 2010, li permezz taghha sintetikament wiegeb is-segwenti:

2.1. Illi l-ftehim datat il-15 ta' Mejju, 2006, kien wiehed rigwardanti d-distribuzzjoni u mhux il-bejgh ta' merkanzija;

2.2. Illi l-klawsoli rigwardanti x-xiri u l-konsegwenti hlas ta' merkanzija jrid jigi applikat u interpretat fid-dawl tad-dispozizzjonijiet ta' l-imsemmi ftehim, (ara foll 5);

2.3. Illi mhux minnu li l-intimat hallas depozitu t'ghoxrin elf Lira Maltin, (LM20,000.00), ghax-xiri tal-merkanzija impurtata;

2.4. Illi skont l-imsemmi ftehim l-intimat avvanza lis-socjeta` rikorrenti terz (1/3) mill-valur komplessiv tal-merkanzija kif rikjest mis-socjeta` estera *Karcher* biex tesporta l-istess merkanzija esportata u mibjugha lis-socjeta` rikorrenti;

2.5. Illi l-bilanc ma kellux jithallas mill-intimat izda mis-socjeta` rikorrenti kif rifless fl-imsemmi ftehim;

2.6. Illi ma jirrizulta minn imkien li l-bilanc tal-prezz tal-merkanzija kellu jithallas mill-intimat;

2.7. Illi rigward il-fatturi ipprezentati *in atti* mis-socjeta` rikorrenti dawn gew ritornati lis-socjeta` rikorrenti;

2.8. Illi s-socjeta` rikorrenti kellha tiffattura il-merkanzija li l-intimat kien jiehu biex ibiegh lill-klijenti tieghu;

2.9. Illi l-fatturi ma jbiddlu xejn mill-fatt li l-merkanzija giet mixtrija u impurtata mis-socjeta` rikorrenti;

2.10. Illi l-istess fatturi kienu iffirmati mill-intimat u mill-impjegat tieghu ghaliex is-socjeta` rikorrenti kienet talbet lill-intimat biex izommilha l-istess merkanzija fl-imhazen tieghu ghaliex hi ma kelliex fejn tahzinhom;

2.11. Illi l-intimat irrifjuta kull fattura mahruga mis-socjeta` rikorrenti mhux rilaxxata skont il-ftehim pattwit fuq gia` indikat;

2.12. Illi qed jiddepozita l-ammont ta' merkanzija minnu mixtrija flimkien mall-merkanzija rimanenti;

2.13. Illi l-ammont rikjamat mis-socjeta` rikorrenti mhux dovut lilha mill-intimat;

2.14. Illi l-intimat kien dejjem dispost li jhallas l-ammont minnu dovut skont il-ftehim pattwit fuq indikat, liema ammont ser ikun depozitat taht l-awtorita` ta' din il-qorti;

2.15. Illi ghaldaqstant, it-talbiet tas-socjeta` rikorrenti ghandhom jigu respinti, bl-ispejjez;

3. Rat id-digriet taghha datat it-13 ta' Marzu, 2014, li permezz tieghu, fuq talba tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet awtorizzat lill-kontendenti biex it-trattazzjoni ssir bil-modalita` hemm indikata, (ara foll 113);

4. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta` rikorrenti datata t-23 t'April, 2014, (ara foll 114), flimkien man-nota ta' sottomissjonijiet tal-intimat datata t-28 ta' Mejju, 2014, (ara foll 123);

5. Semghet id-dikjarazzjoni tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet datata d-29 ta' Mejju, 2014, li permezz taghha ddikjaraw li qeghdin jistriehu fuq in-noti minnhom ipprezentati, (ara foll 126);

Ikkunsidrat:

6.0. Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna huma ippernjati fuq il-ftehim konkluz bejn il-kontendenti, datat il-15 ta' Mejju, 2006, li sintetikament jistabilixxi s-segwenti:

6.1. Illi t-titolu tal-imsemmi ftehim hu "ftehim ghad-distribuzzjoni ta' magni tat-tindif tal-marka *Karcher 'CPE'*;

6.2. Illi s-socjeta` rikorrenti hi indikata bhala l-agent wahdieni importatrici tal-imsemmija socjeta` Tedeska ghat-territorju ta' Malta u Ghawdex, (ara foll 5);

6.3. Illi l-istess socjeta` rikorrenti hi wkoll indikata li fil-perjodu ta' meta gie pattwit il-ftehim *de quo* hi kienet ukoll id-distributur ewlieni ta' magni tat-tindif kemm industrijali kif ukoll domestici mibjugha f'Malta, (ara foll 5);

6.4. Illi s-socjeta` rikorrenti tissottolinea fl-istess ftehim li iddecidiet li tissubappalta d-distribuzzjoni tal-magni tat-tindif domestici lil distributur iehor, (ara foll 5);

6.5. Illi konsegwentement il-kontraenti hawn kontendenti ikkonkludew is-segwenti ftehim:

6.5.1. Illi l-intimat kien imlahhaq distributur ewlieni tal-imsemmija magni domestici tas-socjeta` Tedeska fuq riferita ghat-territorju ta’ Malta u Ghawdex;

6.5.2. Illi l-imsemmija nomina kellha perjodu ta’ sena *probation*;

6.5.3. Illi s-socjeta` rikorrenti intrabtet li taghti lill-initmat l-irhas prezzijiet possibbli u zzomm persentagg zghir bhala *commission* ghall-importazzjoni u l-irrangar tal-prodott;

6.5.4. Illi l-intimat, bhala distributur, kellu r-risponsabbilita` jahdem il-prezz kemm bl-imnut u bl-ingrossa u jzommhom baxxi kemm jista` jkun;

6.5.5. Illi r-reklamar kellu jkun fir-risponsabbilita` tal-intimat;

6.5.6. Illi biex jigi effettwat il-ftehim fuq indikat l-intimat intrabat li jixtri l-magni in dizamina bil-*pallet* bejn wiehed u iehor ta’ hamsin (50) jew mija (100) kull wahda, (ara foll 5 paragrafu numru 5);

6.5.7. Illi l-pagament ghall-istess xiri ta' magni indikat fil-paragrafu precedenti kellu jigi saldat sa mhux aktar tard minn sittin (60) gurnata mid-data tal-fattura, (ara foll 6);

6.5.8. Illi ghall-ewwel ordni l-intimat kellu jiddepozita ghoxrin elf Lira Maltin, (LM20,000.00), mall-kuntratt, u l-kumplament jithallas bil-modalita` hemm indikata, (ara foll 6);

Ikkunsidrat:

7. Illi in esekuzzjoni tal-ftehim fuq sintetikament riassunt, il-partijiet bdew jattwaw ir-relazzjoni kummercjali taghhom u b'hekk effettwaw ordni ghall-valur ta' mija hamsa u hamsin elf seba` mija wiehed u tletin Ewro u sitta u disghin centezmu, (€155,731.96),

8. Illi mill-ammont indikat fil-paragrafu precedenti l-intimat, kif pattwit fl-imsemmi ftehim fuq riferit, hallas depozitu ta' sitta u erbghin elf hames mija sebgha u tmenin Ewro u sebgha u erbghin centezmu, (€(46,587.47);

9. Illi l-ammont rimanenti kellu jithallas mill-intimat ratealment kif pattwit;

10. Illi l-magni in dizamina hekk ordnati gew debitament ikkonsenjati lill-intimat u minnu accettati f'zewg konsenji separati, senjament fit-18 ta' Lulju, 2006, u t-3 t'Awissu tal-istess sena, (ara foll 19 sa 21 u

22), fl-ewwel okkazjoni accettati personalment mill-intimat, u fit-tieni, minn impjegat tieghu;

11. Illi ghalkemm l-intimat gie ipprezentat bil-fatturi tal-magni lilhu ikkonsenjati, hu baqa` ma ottemporax ruhhu mall-kondizzjonijiet minnu pattwiti biex ihallas l-ammont rimanenti ghall-istess fit-terminu indikat fl-istess ftehim, (ara foll 6);

12. Illi l-ammont komplessiv dovut mill-intimat ghall-magni lilhu hekk ikkonsenjati – eskluz id-depozitu fuq riferit – hu ta' mija u disghat elef mija erbgha u erbghin Ewro u disgha u erbghin centezmu, (€109,144.49);

Ikkunsidrat:

13. Illi ghalkemm il-partijiet involuti setghu hasbu li din l-avventura kommercjali in dizamina setghet tkun esperjenza pozittiva ghalihom, mill-ewwel indunaw li kienet wahda fallimentari ghaliex il-bejgh awspikat lill-konsumatur ma jirrizultax li avvera ruhhu;

14. Illi ghalhekk il-pjan li s-socjeta` rikorrenti kellha li timporta l-magni in dizamina bil-flus tal-intimat li jinvesti wara li gia` biegh il-magni lilhu konnsenjati kien wiehed fallimentari;

Ikkunsidrat:

15. Illi ghandu jkun pacifiku li l-massima antika Latina *"pacta sunt servanda"* hi applikabbli ghas-sitwazzjoni in dizamina;

Ikkunsidrat:

16.0. Illi analizi tar-relazzjoni naxxenti bejn il-partijiet bhala rizultat tal-ftehim minnhom pattwit iwassal ghas-segwenti konkluzjonijiet:

16.1. Illi l-intimat kien ha r-responsabbilita` li jkun distributur tal-oggetti in dizamina;

16.2. Illi wara li inghata pussess tal-magni *de quo* kellu terminu prestabbilit ta' sittin (60) gurnata mill-prezentazzjoni tal-fattura, li fih kien obbligat li jhallas ghall-istess konsenja lis-socjeta` rikorrenti;

16.3. Illi l-konsenji in dizamina gew effettwati lill-intimat kif fuq stabbilit, (ara paragrafu numru ghaxra (10), aktar qabel), izda l-pagamenti relattivi ma gewx effettwati minnu kif pattwit – anzi addirittura ma gie effettwat l-ebda pagament ghajr id-depozitu fuq indikat;

16.4. Illi *di piu`* jigi rilevat, li ghalkemm l-intimat bil-gurament tieghu fir-risposta minnu intavolata jsostni li kien "... sejjer .... jiddepozita taht l-awtorita` ta' din il-qorti l-merkanzija rimanenti ..." dan, nonostante li ghadda l-perjodu ta' aktar minn erbgha (4) snin minn tali dikjarazzjoni guramentata, l-intimat baqa` inadempjenti anke f'dan ir-rigward;

**DECIDE:**

17.0. Illi in vista tal-premess din il-qorti hi sodisfatta li s-socjeta` rikorrenti ipprovat il-kaz taghha skont il-ligi u konsegwentement, filwaqt li tirrespingi r-risposti kollha tal-intimat, takkolji t-talbiet tas-socjeta` rikorrenti u konsegwentement:

17.1. Tiddikjara li s-somma ta' mija u disghat elef, mija u erbgha u erbghin Ewro u disgha u erbghin centezmu, (€109,144.49), hi dovuta mill-intimat Joseph Sammut lis-socjeta` rikorrenti *Inter-Power Limited*, oltre l-imghaxijiet lilha wkoll dovuti kif espressament mitlub fl-istess talba tas-socjeta` rikorrenti li a skans ta' ripetizzjoni inutili qed issir referenza ghall-istess fit-talba originali taghha;

17.2. Tordna ghalhekk lill-istess intimat fuq indikat biex ihallas is-somma indikata fil-paragrafu precedenti, flimkien ma l-imghaxijiet dovuti skont il-ligi, lill-istess socjeta` rikorrenti fuq ukoll indikata;

17.3. Bl-ispejjez kif dedotti fl-istess rikors guramentat promotur kontra l-imsemmi intimat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------